MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 20

17 ta' Novembru 2020

Minuti tas-seduta Nru. 20 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-uffiċċju amministrativ tal-Kunsill f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 17 ta' Novembru 2020 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti, minbarra l-Kunsillieri E. Bartolo u A. Brincat Stellini li talbu jiġu skużati minħabba li kienu indisposti, permezz ta' imejls datati 16 ta' Novembru 2020. Minkejja dan huma segwew is-seduta permezz ta' kollegament elettroniku. Il-Kunsill aċċetta r-raġunijiet mogħtija.

Is-Sindku D. Vella qal li permezz ta' imejl datat 16 ta' Novembru 2020 huwa kiteb lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali fejn spjega l-pożizzjoni tad-diversi kunsillieri dwar l-attendenza fis-sitwazzjoni attwali b'rabta mal-pandemija Covid-19. Id-Direttur aċċenna għall-fatt li attwalment qed jiġu diskussi emendi fl-Att dwar il-Gvern Lokali li għandhom jwasslu biex ikunu jistgħu jsiru laqgħat virtwali. Sar aċċenn li l-emendi relattivi għadhom ma' daħlux fis-seħħ u allura s-seduti jridu jsiru fl-uffiċċju amministrattiv.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet transmessa permezz tal-internet u irrekordjata. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku D. Vella.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg irrefera għall-minuta 3.5.4. **(Ref: (T/3/2/Vol XV)** tas-seduta preċedenti u talab li din tinqara kif ġej:

*"3.5.4. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal illi huwa jara li soluzzjoni għall-abbużi li qed isiru hija l-introduzzjoni ta' speed humps ta' ċertu wisa', mill-inqas fi tlieta jew erba' postijiet. Huwa semma l-partijiet bejn Triq il-Kbira u Triq Pietru Pawl Caruana; bejn Triq Ta' Braġ u Triq Mario de Vasi'; u bejn Triq Mario de Vasi' u Triq il-Ġojjin. Kompla jgħid li din il-miżura tista' tkun mgħejjuna minn built-outs fil-bankini fil-kantunieri tal-blokki. L-istess built-outs għandhom jiġu kkunsidrati wkoll fejn ikun hemm l-ispeed humps, liema kunċett kien ġie applikat fi Triq il-Kbira fl-2003.".*

1.3. Is-Sur J. Buttigieg aċċenna wkoll għall-minuta 5.10.8. u talab li din tiġi emendata kif ġej:

*"5.10.8. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg, qal li l-mistoqsijiet li saru fil-minuta 5.10.4. jistgħu jiġu diskussi fil-bord imsemmi, iżda wieħed jassumi li ser jiġri bħal fil-każ tal-Park tal-Majjistral. Fil-każ tal-aħħar, il-Kunsill xorta waħda baqa' responsabbli mill-ħruġ tal-permessi li jinvolvu l-Bajja tal-Mixquqa u l-kumplament tal-park. Fir-rigward tat-tindif, x'aktar li l-arranġamenti eżistenti se jibqgħu fis-seħħ. Is-Sur J. Buttigieg aċċenna għall-fatt li meta ġie ppubblikat l-avviż legali dwar il-Park tal-Majjistral fis-7 ta' Settembru 2007, il-Kunsill Lokali ma kienx rappreżentat fuq il-bord tat-tmexxija tal-park u kien fl-2009 meta l-istess avviż legali ġie emendati sabiex il-Kunsill Lokali ngħata vuċi fil-bord. Fil-każ tal-ftehim dwar l-imsaġar tal-Aħrax u l-Miżieb, il-Kunsill ser ikun rappreżentat mill-ewwel.".*

1.4. Il-minuti tas-Seduta Nru. 19, li saret fit-13 ta' Ottubru 2020 ġew approvati bl-emendi, skont il-minuti 1.2. u 1.3. aktar 'il fuq. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/MinutesList

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Tmexxija tal-Parkeġġ fl-Għadira (P/5/8/G)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 9.9. tas-seduta preċedenti u l-Kunsill ġie mgħarraf li fl-20 ta' Ottubru 2020 saret laqgħa virtwali mas-Sinjuri A. Cachia u J. Gauci minn Projects Plus Ltd. Għan-naħa tal-Kunsill attendew is-Sindku D. Vella, il-Viċi Sindku J. Buttigieg, il-Kunsillier E. Bartolo u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono. Fil-laqgħa ngħatat deskrizzjoni tad-diversi aspetti tal-proġett, fosthom id-dwal tal-parkeġġ li eventwalment ser jaqgħu fir-responsabiltà tal-Kunsill.

2.1.3. Is-Sur D. Vella qal li Infrastructure Malta jidher illi laqgħet proposta li tressqet minn naħa tal-Kunsill sabiex issir *slip road* minn Triq il-Marfa għat-triq li tagħti direttament għal-lukanda Mellieħa Bay, kif ukoll *centre-strip* sabiex ma jsirx qsim minn Triq il-Marfa għall-istess triq mit-traffiku li jkun ġej mid-direzzjoni tal-Mellieħa. Ġie spjegat li dan il-proġett jinvolvi t-twaqqigħ tal-latrina u l-bini mill-ġdid tagħha aktar 'il fuq.

2.1.4. Is-Sindku aċċenna wkoll li fil-laqgħa tal-20 ta' Ottubru 2020 kien hemm diskussjoni dwar l-entità li magħha għandhom isiru kuntatti dwar t-tmexxija futura tal-parkeġġ. Issemmew Transport Malta u l-Awtorità tal-Artijiet bħala l-entitajiet l-aktar relevanti fuq din l-aspett. Minn kuntratti li sussegwentement saru ma' Transport Malta rriżulta li materja ta' din ix-xorta għandha tiġi trattata ma' l-Awtorità tal-Artijiet.

2.1.5. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li hemm erba' għażliet dwar it-tmexxija tal-parkeġġ li l-Kunsill jista' jikkonsidra, ossija li:

(a) Il-parkeġġ jgħaddi f'idejn il-Kunsill u jiġi trattat bħal kwalunkwe proġett ieħor, li minħabba l-lokazzjoni tiegħu, il-manutenzjoni ssir minnu, bl-eċċezzjoni tas-*soft area* għall-ewwel tliet snin li ser ikunu a karigu ta' Infrastructure Malta, filwaqt li t-tindif tiegħu jiġi nkorporat mat-tindif tax-xtut, kif kien isir qabel; jew

(b) Tintalab devoluzzjoni mingħand l-Awtorità tal-Artijiet, li huwa proċess pjuttost twil li jġib miegħu ċertu piżijiet, fosthom il-ħlas tal-kera u spejjeż oħra relatati mat-tmexxija tal-kuljum tal-parkeġġ, liema spejjeż jistgħu jiġu rkuprati bil-ħlas għall-użu tal-istess faċilitajiet;

(c) Isir ftehim ma' Transport Malta sabiex jallokaw somma lill-Kunsill fuq bażi annwali biex tintefaq fuq iż-żamma tal-parkeġġ; u

(d) Id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali tintalab talloka fondi lill-Kunsill sabiex jintefqu fuq iż-żamma u l-manutenzjoni tal-parkeġġ.

2.1.6. Is-Sur J. Buttigieg, stqarr li l-impożizzjoni ta' ħlas minn naħa tal-Kunsill tista' ġġib magħha l-kritika, kemm-il darba dan il-pass ma jittieħidx mill-gvern ċentrali. Huwa qal li, fl-opinjoni tiegħu, l-aktar għażla li hija vijabbli hija l-(a).

2.1.7. Il-Kunsillier I. Castillo qal li l-parkeġġ għandu ċertu potenzjal li jista' jiġi sfruttat u għalhekk m'għandux jiġi trattat bħal kull post ieħor fil-lokalità. Il-fattur tal-ħin li matulu jintużaw il-faċilitajiet tal-parkeġġ huwa punt li jeħtieġ jiġi kkunsidrat.

2.1.8. Il-Kunsillier K. Buttigieg ġibed l-attenzjoni li għandu jkun hemm kontroll fuq l-użu tal-parkeġġ għaliex jista' jiġi okkupat b'mod permanenti, u hekk ma jintlaħaqx l-iskop li għaliħ sar. Huwa qal li l-manutenzjoni tal-parkeġġ tista' issir minn kuntrattur li jkollu dritt jitlob ħlas stabbilit u jħallas somma fissa fis-sena lill-Kunsill.

2.1.9. Is-Sindku D. Vella qal li jkun tajjeb illi l-għażliet (a) u (b) għandhom jiġu diskussi mal-Awtorità tal-Artijiet.

## 2.2.1. Żjara mill-*Unit* għall-Għoti tad-Demm (M/9/Vol VI)

2.2.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li permezz ta' imejl datat 17 ta' Novembru 2020, il- Kunsilliera A. Brincat Stellini, irreferiet għall-minuta 2.5.2 tas-seduta preċedenti u għarrfet li l-*mobile unit* reġa' ġie fil-Mellieħa is-Sibt 24 ta' Ottubru 2020, meta kien hemm 23 persuna li taw id-demm. Għaldaqstant fix-xahar ta' Ottubru kien hemm 67 persuna mill-Mellieħa li taw id-demm.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.3.1. Installar ta' sistemi CCTV fi Triq Ġorġ Borg Olivier, Triq l-Iżbark tal-Franċiżi, u fil-Park tal-Familja (T/5/1/Vol II)(T/3/3/Vol IV)(K/6/10/Vol III)(P/4/6/Vol VI)

2.3.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg rrefera għall-minuta 2.1.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li fl-20 ta' Ottubru 2020 saret laqgħa mas-Sur Claudio Tonna – Operations Manager tal-LESA – fejn ġie miftiehem li s-superviżjoni tas-sistema CCTV li hemm fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi tibda ssir mill-istess LESA. Wara l-istess laqgħa ġie mgħoddi fomolarju dwar il-ħarsien tad-dajta. Speċifikazzjoni tas-sistemi mħaddma minnhom kien għadhom ma nbagħtux sad-data tas-seduta. Fl-istess laqgħa pparteċipaw is-Sindku D. Vella, il-Viċi Sindku J. Buttigieg, il-Kunsillier E. Bartolo, u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono.

2.3.3. Il-Kunsill iddiskuta possibiltajiet kif għandhom jiġu nstallati fi Triq Ġorġ Borg Olivier, filwaqt li kien hemm qbil li għandha ssir laqgħa ma' Galea Curmi Engineering Consultants sabiex jiġu stabbiliti l-ispeċifikazzjonijiet bil-għan li tiġi formolata sejħa għall-offerti.

## 2.4.1. Manutenzjoni fil-Park tal-Familja (P/4/6/Vol VI)

2.4.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg irrefera għall-minuta 5.18.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li x-xogħol fuq il-bdil tat-tagħmir fl-*outdoor gym* u r-*rubber flooring* kien tlesta. Il-manutenzjoni meħtieġa fuq l-i*skate track* tlesta kien wkoll.

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

## 3.1.1. Tkomplija ta' Taraġ il-Landiera (T/4/7/Vol III)

3.1.2. Kunsillier G. Micallef irrefera għall-minuta 3.1.1. tas-seduta preċedenti u staqsa dwar jekk kienx hemm xi rispons minn naħa ta' Infrastructure Malta dwar meta huwa ppjanat li jsir dan it-taraġ.

3.1.3. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb fin-negattiv.

## 4.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 06/11/20;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 05/10/20 – 03/11/20;

- Skeda ta’ Pagamenti – 10/10/20 – 06/11/20;
- Skeda ta’ Korrispondenza li waslet;
- Skeda ta’ Korrispondenza li ntbagħtet; u
- Minuti tal-Kumitat Reġjonali Tramuntana – 16/10/20.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. *Proġett EkoSkola* (S/3/6)

5.1.2. Saret referenza għal imejl datat 9 ta’ Novembru 2020 mibgħut mill-Kumitat tal-EkoSkola Primarja tal-Mellieħa fejn għarrfu li qed jaħdmu fuq proġett ta' tisbiħ fil-bitħa tal-istess skola. Il-proġett jikkonsisti fi tħawwil ta' diversi pjanti u arbuxelli fi qsari kbar. Id-daqs tal-qsari huwa 100 x 45x 42cm. Bil-fondi tal-iskola nxtraw 55 qasrija. Issemma wkoll li din l-inizjattiva tinvolvi x-xiri ta’ ħamrija, żrieragħ, pjanti u arbuxxelli.

5.1.3. Il-Kunsill qabel li għandu jikkollabora, iżda kien tal-fehma li għandha ssir laqgħa mad-diriġenti tal-proġett sabiex jiġi determinat, b’liema mod tista’ tingħata l-għajnuna.

### 5.2.1. Prevenzjoni tal-kriminalità (P/9/Vol IV)

5.2.2. Saret referenza għal imejl datat 10 ta’ Novembru 2020 mibgħuta mill-Pulizija tal-Komunità fejn appellaw lill-Kunsill sabiex jagħmel tajjeb għax-xiri ta’ portmonijiet, qniepen, u *pockets* fejn jitqiegħdu l-karti tal-kreditu sabiex jitqassmu lir-residenti. Dawn jiswew madwar €405, €282, u €360 kull elf, rispettivament.

5.2.3. Il-Kunsill qabel li għandu jikkontribwixxu sa’ massimu ta’ €500 għal din l-inizjattiva.

### 5.3.1. *Caravans* u *campers* fil-Bajja tal-Mistra (C/4/Vol IV)

5.3.2. Saret referenza għad-deċiżjoni li ttieħdet fis-Seduta 15 tat-30 ta’ Ġunju 2020, meta kien ġie deċiż li għandha ssir rakkomandazzjoni lill-Transport Malta sabiex issir linja safra man-naħa tal-baħar fejn jeżisti aċċess bir-riġel għax-xatt, kif ukoll li jsiru *parking bays* fil-formazzjoni *fishbone* man-naħa l-oħra tat-triq. Danbil-għan li jiżdiedu l-ispazji għall-ipparkjar, kif ukoll jikkompensaw għal dawk li ser jintilfu minn naħa tal-baħar.

5.3.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li permezz ta’ imejl datat 15 ta’ Ottubru 2020, Transport Malta wieġbu li m'hemmx biżżejjed spazju biex isir ipparkjar fil-formazzjoni *fishbone*, u għaldaqstant qed isostnu li din hija kwistjoni ta' infurzar minn naħa tal-Pulizija.

5.3.4. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li permezz ta’ imejl datat 23 ta’ Ottubru 2020, l-Ombudsman ġie nvolut fil-kwistjoni, li minn naħa tiegħu appella lill-entitajiet konċernati sabiex tittieħed azzjoni, fosthom li:

- Li jkun hemm infurzar tal-*bye-laws* minn naħa tal-Pulizija;
- Jittieħdu miżuri fiżiċi sabiex xatt-il baħar ma jiġix okkupat bil-*caravans* u *campers*; u
- Jittieħdu miżuri minn naħa ta’ Transport Malta sabiex jiġi regolat l-ipparkjar ta’ vetturi.

5.3.5. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono, qal li minn naħa tiegħu nġibdet l-attenzjoni tal-Ombudsman u Transport Malta ħalli tiġi kkunsidrata mill-ġdid il-proposta li kienet tressqet mill-Kunsill. Dan sabiex jitneħħa l-parking kollu biswit ix-xatt u jsir fil-formazzjoni *fishbone* fuq in-naħa l-oħra fejn il-wisa’ tat-triq tippermetti.

5.3.6. Intant, Tranport Malta talbu direzzjoni mill-Awtorità tal-Ippjanar u l-Awtorità dwar ir-Riżorsi u l-Ambjent dwar jekk huwiex meħtieġ permess minn naħa tagħhom sabiex ix-xatt jiġi mbarrat

għall-vetturi, *caravans* u *campers*. Fit-12 ta' Novembru 2020, il-Pulizija tal-Komunità marru fuq il-post u ordnaw lis-sidien tal-*caravans* u l-*campers* sabiex ineħħuhom minn fuq il-post.

5.3.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.4.1. Bank vandalizzat fi Triq tad-Dahar (M/6/Vol V)

5.4.2. Saret referenza għal ittra datata 5 ta' Novembru 2020 dwar bank tal-irħam li jfakkar il-memorja ta' persuna li ġiet nieqsa, liema bank ġie vandalizzat fi Triq id-Dahar. Familjari tal-persuna konċernata qed jitolbu l-permess tal-Kunsill sabiex jerġa jsir bank ġdid.

5.4.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sakemm jinġiebu l-permessi kollha meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti.

### 5.5.1. Modifikazzjoni fit-taraġ ta' Triq iż-Żnuber (P/5/8/Z)

5.5.2. Saret referenza għal ittra datata 5 ta' Settembru 2019, mibgħuta mis-sid ta' binja ġdida li tinsab fi Triq iż-Żnuber kantuniera ma' Triq il-Kbira, skont il-permess PA 8814/18. L-iżviluppatur talab il-kunsens tal-Kunsill sabiex ineħħi parti mit-taraġ pubbliku fi Triq iż-Żnuber, skont kif indikat fil-pjanta annessa mal-ittra msemmija. Dan sabiex jagħmel bieb, skont il-linji gwida tal-Kummissjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità. L-iżviluppatur aċċenna wkoll li din il-miżura ttieħdet sabiex tipprevjeni li jidħol l-ilma fil-proprjetà tiegħu meta tagħmel ix-xita. L-applikant iddikjara li għas-sigurtà tal-pubbliku jista' jpoġġi qsari bejn it-tarf tat-taraġ u l-vojt li nħoloq bejnu u l-binja. Intqal ukoll li l-proposti tiegħu huma jdentiċi għal dak li ġiet approvat fuq in-naħa l-oħra tat-triq.

5.5.3. Wara li l-Kunsill ħa in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi kollha kif spjegati mis-sid, kif ukoll ra li tħalla spazju adekwat fit-taraġ pubbliku, ma sabx oġġezzjoni li nqatgħu 2.9 metri tul 'l ġewwa mill-ewwel tarġa għal 1.2 metri wisa', bil-kundizzjoni li jsir xi forma ta' lqugħ permanenti bejnu u l-vojt li nħoloq.

### 5.6.1. Faċilitajiet għall-ħatt/tagħbija ta' merkanzija fi Triq il-Garżella u Triq Snajjin (T/3/2/Vol XVI)

5.6.2. Saret referenza għal imejls datati 13 u 31 ta' Ottubru 2020 fejn intalbu l-faċilitajiet imsemmija fi Triq il-Garżella kantuniera ma' Triq il-Kbira u fi Triq Snajjin kważi faċċata ta' Triq Adenau. Fiż-żewġ każi t-talba qed isir minn operaturi ta' negozji.

5.6.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li fir-rigward ta' Triq il-Garzella għandu jingħata ftit aktar żmien sabiex wieħed jara kif ser tiżviluppa Triq il-Kbira bejn Triq il-Garżella u Misraħ tas-Salib, fejn jidher li ser ikun hemm negozji oħra.

5.6.4. Dwar Triq Snajjin, il-Kunsill ma qabilx li għandhom jingħataw il-faċilitajiet mitluba sakemm ma nbidlitx il-*policy* ta' Transport Malta li tistabilixxi limitu ta' seba' stabbiliment fl-*area*.

### 5.7.1. *Skateboard ramps* fil-Park tal-Familja (P/4/6/Vol VI)

5.7.2. Saret referenza għal imejl datat 16 ta' Novembru 2020 mibgħut mill-Malta Street Sports Association, fejn talbu li jżidu diversi *skateboard ramps* fil-Park tal-Familja, flimkien ma' dik eżistenti. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li saret laqgħa ma' diriġent ta' din l-assoċjazzjoni u mas-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Tramuntana fejn sar magħruf li l-kostruzzjoni ta' dawn ir-rampi kien iffinanzjat mir-Reġjun.

5.7.3. Il-Kunsill ra d-disinji tar-rampi kollha offruti u qabel li hemm spazju sabiex titqiegħed ir-rampa li għandha tul ta' 4.88 metri u li l-għoli massimu tagħha huwa 0.35 metri. Din id-deċiżjoni ttieħdet fid-dawl tal-fatt li l-park jintuża għal attivitajiet varji, kif ukoll l-ħsejjes li jistgħu jiġu ġġenerati bl-i*skateboarding*.

### 5.8.1. Laqgħa mal-Kap tal-Iskola Primarja (S/3/3/) (T/3/2/Vol XVI)

5.8.2. Permezz ta' imejl datat 16 ta' Novembru 2020, il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li kellha laqgħa mal-Kap tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa, fejn saru l-proposti segwenti:

(a) Issir *Speed hump* fi Triq Qasam Barrani, bejn ir-*roundabout* ta' Triq Lewis Wettinger u l-annex tal-iskola;

(b) Isir *zebra crossing* oħra jew tabelli li jindikaw l-preżenza tat-tfal;

(c) Tingħalaq Triq il-Mitħna l-Ġdida bejn Triq il-Muna u Triq l-Isqof Pace mis-7:30am u sat-8.00am u bejn s-1:30pm u s-2:00pm, billi bil-miżuri marbuta mal-Covid 19, l-iskola qed jintużaw ħames bibien, li wieħed minnhom jinsab fi Triq l-Mitħna l-Gdida. Raġuni oħra mogħtija hija li s-superviżjoni mill-Pulizija tal-Komunità mhux qed tkun regolari; u

5.8.2. Il-Kunsill ma laqax il-proposta (a), filwaqt li qabel li għandha ssir rappreżentazzjoni ma' Transport Malta sabiex issir *pedestrian crossing* bil-*built outs* fi Triq Qasam Barrani, bejn Triq l-Assedju l-Kbir u Triq Vincenzo Ciappara, qrib il-bieb li jagħti għall-annex tal-iskola, skont il-proposta (b) aktar 'il fuq.

5.8.3. Il-proposta (ċ) ma ġiet approvata, peress li Triq il-Mitħna l-Ġdida hija ħolqa importanti għat-traffiku, filwaqt li jeżisti passaġġ wiesgħa minn fejn jistgħu jgħaddu t-tfal bejn it-triq u l-bini tal-iskola.

### 5.9.1. Installazzjoni ta' *charging pillars* għall-karozzi GOTO (V/4)

5.9.2. Is-Sindku D. Vella qal li fl-4 ta' Novembru 2020, saret laqgħa mal-operatur tal-kumpanija GOTO li għandhom l-intenzjoni jinstallaw *charging pillars* fejn jeżisti kull parkeġġ riżervat fil-lokalitajiet kollha.

5.9.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jiġu nstallata dawn il-faċilitajiet f'postijiet li diġa huma riżervati għal dan il-għan.

### 5.10.1. Xogħol fil-lokalità mill-Corinthia Group (P/4/6/Vol VI)

5.10.2. Is-Sindku D. Vella għarraf li huwa ġie avviċinat li l-*management* tal-Corinthia Group, li bħala parti mir-responsabiltà soċjali korporattiva wrew ix-xewqa li jassenjaw xi ħaddiema minn tagħhom sabiex jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni f'postijiet pubbliċi fil-lokalità, bħal Park tal-Familja, jew tindif fl-inħawi tal-Bajja tal-Mixquqa.

5.10.4. Il-Kunsill innota u approva l-offerta.

### 5.11.1. Ċelebrazzjoni tal-Ewwel tas-Sena (A/5/3/7)

5.11.2. Is-Sindku D. Vella qal li s-sena finanzjarja 2020 kienet kkaratterizzata mill-pandemija Covid-19, li affettwat l-attivitajiet kulturali ewlenin li jorganizza l-Kunsill, bħalma huma Jum il-Kunsill, l-Iljieli Melleħin, u Milied Mellieħi. Għal raġuni msemmija qed naraw li kien hemm fondi mhux minfuqa mil-baġit kulturali u għalhekk is-Sindku ppropona li fit-tliet snin li ġejjin, b'effett mill-2021 tiżdied attività oħra biex jiġi ċċelebrat l-ewwel tas-sena f'Misraħ il-Parroċċa. Is-Sur D. Vella ppropona li jiġu allokati €10,000 kull sena.

5.11.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

### 5.12.1. Tibdil fir-rotot tal-karozzi tal-linja (T/5/1/Vol II)

5.12.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg rrefera għall-minuta 2.1.2. tas-seduta ta' qabel u aċċenna li fit-2 ta' Novembru 2020 saret laqgħa ma' diriġent mill-Awtorità tal-Ippjanar dwar il-possibiltà li tittieħed biċċa art pubblika sabiex titwessa' Triq Selmun bil-għan li jkunu jistgħu jdawwru l-karozzi tal-linja.

5.12.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li qed tittieħed.

## 5.13.1. Ipparkjar fi Triq il-Miġbħa faċċata ta' Pjazza Thomas Spratt (T/3/2/Vol XVI)

5.13.2. Il-Kunsillier I. Castillo ġibed l-attenzjoni li qed ikun hemm ipparkjar ta' vetturi fil-post imsemmi bir-riżultat li żdiedet il-possibiltà illi jsiru kolliżżjonijiet. Huwa ppropona li ssir linja safra fil-liwja sabiex ma jintifx spazzjonu għall-ipparkjar bla ħtieġa.

5.13.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

## 5.14.1. Frekwenza tat-tbattil tal-*bring-in site* (K/6/10/Vol III)

5.14.2. Il-Kunsillier M. Abela qal li qed ikun hemm ilmenti li l-*i-Bins* mhux qed jitbattlu kull meta jimtlew, bir-riżultat li l-pubbliku qed isibuhom mimlijin u jħalli l-iskart mal-art, bil-possibiltà li tinħarġilhom notifika ta' kontravvenjoni.

5.14.3. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutjar innutat li l-kuntrattur konċernat jiġi jbattal meta jkun hemm numru sostanzjali ta' *bins* tal-istess tip ta' skart li jkunu mimlijin.

5.14.4. Is-Sindku nnota li s-sitwazzjoni skont kif deskritta fil-minuta 5.14.2. kienet rejali, iżda tjiebet riċentement, partikularment fi tmiem-il ġimgħa.

## 5.15.1. Proġett - Sna*pshots From the Borders* (I/3)

5.15.2. Il-Kunsillier G. Micallef aċċenna għall-proġett imsemmi, li huwa kofinanzjat minn fondi Ewropej u jinvolvi 35 imsieħeb, li jikkonsistu kunsilli lokali fil-periferija tal-Ewropa u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Il-proġett, huwa kkordinat mill-Muniċipalità ta' Lampedusa u Linosa, u l-għan tiegħu huwa li jtejjeb l-għarfien tar-raġunijiet li jwasslu għal deċiżjonijiet li qed jittieħdu minn awtoritajiet Ewropej f'livelli ta' tmexxija differenti *vis-a-vis* l-Għanijiet għal Żvilupp Sostenibbli stabbiliti mill-Ġnus Magħquda. Is-Sur G. Micallef għarraf li huwa ġie avviċinat mill-kordinatur lokali tal-proġett li stieden il-Kunsill tal-Mellieħa jagħti l-kontribut tiegħu f'dan ir-rigward u għalhekk, bħala l-Kunsillier responsabbli mill-integrazzjoni soċjali intalab jattendi laqgħa li ser issir fl-10 ta' Diċembru 2020 bejn nofsinhar u s-2.00pm.

5.15.3. Il-Kunsill approva l-istedina.

## 5.16.1. Tqegħid ta' ġebel kbir fid-daħla għall-Bajja tal-Imġiebaħ (T/3/2/Vol XVI)

5.16.2. Il-Kunsillier G. Micallef ppropona li jitpoġġa ġebel kbir sabiex jinbarra d-dħul ta' vetturi fuq l-art li tħares fuq il-Bajja tal-Imġiebaħ, li spiss tkun okkupata bl-ikkampjar u vetturi.

5.16.2. Il-Kunsillier I. Castillo, ikkummenta li l-aċċess għall-vetturi żgħar jista jiġi kkontrollat bit-tħawwil ta' siġar maturi.

5.16.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li t-tqegħid ta' ġebel kbir huwa problema minħabba li aċċess b'vetturi kbar huwa mpossibbli. Huwa ppropona li jsiru *bollards* taħt l-arkata li tinsab fil-bidu tat-trejqa li twassal għall-art in kwistjoni, kemm-il darba din ma tintużax mill-bdiewa biex jgħaddu bil-vetturi u inġenji tagħhom.

## 5.17.1. Laqgħa mal-grupp *"For a Better Environment"* (T/6/1/Vol III)

5.17.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar għarrfet li d-diriġenti tal-grupp imsemmi jixtiequ jiltaqgħu mal-Kunsill kollu sabiex jispjegaw l-pjanijiet tagħhom dwar il-ħarsien tal-ambjent u siti storiċi fil-lokalità.

5.17.3. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa ssir fl-24 ta' Novembru 2020 b'mod virtwali fil-5.30pm.

### 5.18.1. Introduzzjoni ta' *cat's eyes* (T/3/2/Vol XVI)

5.18.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar għarrfet li fis-7 ta' Novembru 2020, hija flimkien mal-Kunsillier E. Bartolo (responsabbli mit-traffiku) iltaqgħu sabiex jiġu ndikati toroq li huma perikoluża peress li mgħandhomx dawl bil-lejl. Ġew identifikati Triq l-Armier, Triq Ta' Msid, Triq Ramlet il-Qortin, u Triq il-Mellieħa.

5.18.3. Is-Segretarju Eżekuttiv, ġibed l-attenzjoni li l-proposta tinvolvi spejjeż konsiderevoli, filwaqt li l-investiment fihom jista' jisfa fix-xejn, kemm-il darba jsiru xogħlijiet fihom, kif possibilment huwa l-każ fir-rigward ta' Triq il-Mellieħa.

5.18.4. Il-Kunsill qabel li għandha tinġieb stima fil-każ ta' Triq l-Armier u Triq Ramlet il-Qortin.

### 5.19.1. Spetturi ta' Ambjent Malta (A/4)

5.19.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar għarrfet li fid-29 ta' Ottubru 2020, hija u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono kellhom laqgħa ma' uffiċjali mill-ispettorat li twaqqaf apposta fi ħdan Ambjent Malta. Hija spjegat li dawn l-uffiċjali se jkunu qed iduru żoni rurali fil-lokalità u jirrappurtaw ksur tar-regolamenti bħalma huwa kkampjar u *barbecues* f'postijiet mhux awtorizzati, rimi ta' skart, *offroading* eċċ. Hija qalet li dawn ġew iggwidati lejn l-aktar żoni notorji, sabiex ma jkun hemm hela ta' riżorsi. Ingħataw il-parir sabiex l-ispezzjonijiet jsiru l-aktar fi tmiem-il ġimgħa.

5.19.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.20.1. Avveniment mill-Malta Athletics Sports Association (S/4/2/Vol III)

5.20.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg għarraf li tellieqa li kellha tiġi organizzata mill-assoċjazzjoni msemmija fit-18 ta' Ottubru 2020 fil-Mellieħa ġiet imħassra peress li ma kienx hemm il-kunsens mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu. Avvenimenti simili organizzati mill-istess assoċjazzjoni ppjanati għal-lokalitajiet oħra, ġew ikkanċellati wkoll.

5.20.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.21.1. Mellieħa SC Futsal (S/6/Vol IV)

5.21.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg għarraf li s-Sindku, flimkien miegħu ġew mistiedna jippreżentaw il-ġerijiet li ser jintużaw mit-tim fl-istaġun li ġej. Il-preżentazzjoni ser issir fit-18 ta' Novembru 2020 fis-St Martin's School, B'Kara. Huwa qal li l-istedin kien limitat minħabba l-pandemija

5.21.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.22.1. Inizjattiva mill-Mellieħa Sport Club Football School (S/6/Vol IV)

5.22.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li huwa nfurmat li l-*Penalty Shootout* u l-*End of Season Tournament*, għall-2020 ġew ikkanċellati minħabba l-pandemija. Minflok, ser jorganizzaw sessjonijiet ta' taħriġ għal tfal u żgħażagħ li jbagħtu bl-awtiżmu u għaldaqstant jirrikjedilhom li jixtru xi tagħmir għal dan il-għan.

5.22.3. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li għaż-żewġ attivitajiet ikkanċellati, il-Kunsill kien jalloka €600 bejniethom.

5.22.4. Il-Kunsill qabel li għandu jagħti sehemu fl-ispirtu tal-Artiklu 33 (n) u (p) tal-Att Dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363). Kien hemm qbil li mgħandhomx jiġu kommessi aktar minn €600 għal din it-talba, wara li ssir talba formali mill-Mellieħa Sports Club Football Nursery sabiex jispeċifikaw il-mod kif jista' jingħata kontribut.

**5.23.1.** ***Speed humps*** **fi Triq Wied Musa** **(T/3/2/Vol XVI)**

5.23.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ġibdet l-attenzjoni li l-ewwel *speed hump* li hemm hekk kif wieħed jidħol minn Triq il-Marfa tinsab ftit wara l-għola parti tat-triq, u b'hekk is-sewwieqa ma jkunu konxji tagħha. Għaldaqstant talbet li jinbidlilha l-post tagħha.

5.23.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono kkummenta li ser jivverifika jekk hemmx tabella qabel il-*hump* li tindika l-preżenza tagħha.

5.23.4. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li l-*hump* kienet saret apposta qabel trejqa wżata mill-bdiewa, li hemm fil-ġenb ta' Triq Wied Musa. Huwa ġibed l-attenzjoni li mhemmx tabelli quddiem it-trejqiet kollha li jaqbdu ma' Triq Wied Musa, illi jindikaw id-direzzjoni tal-*one-way*.

5.23.5. Il-Kunsill iddeċieda li l-arranġament eżisti għandu jibqa', iżda talab li jitwaħħlu t-tabelli li hemm nieqsa.

**6.1. Rapport mill-*Contracts Manager* għax-xaħar ta' Ottubru 2020** **(T/4/15/Vol II)**

6.2. Għal din il-parti tas-seduta kien hemm sospensjoni tagħha sabiex jintervjeni l-*Contracts Manager* is-Sur Ryan Mercieca sabiex jagħti rendikont dwar il-kuntratti li huwa jissorvelja.

6.2. Is-Sur Ryan Mercieca qal li l-kuntratt tiegħu beda fl-1 ta' Ottubru 2020 u saru laqgħat mal-kuntratturi responsabbli mit-tindif tat-toroq urbani, tat-tindif tat-toroq rurali, tat-tindif tal-latini, u dak responsabbli mill-ġbir tal-iskart domestiku. Ġie stabbilit il-metodu ta' komunikazzjoni magħhom. Huwa spjega li daħal fl-iskedi tax-xogħol skont kif stabbiliti fil-kuntratti relattivi. Ra li dawn ġew segwiti u fejn kien hemm esiġenzi li nqalgħu, dawn ġew trattati. Huwa qal ukoll li ċċertifika xi kontijiet ab bażi tal-ispezzjonijiet li għamel.

6.3. Is-Sur Mercieca, qal li attwalment il-kuntrattur responsabbli mit-tindif tat-toroq rurali qed qiegħed iffukat fuq iż-żona tal-Manikata, filwaqt li qed jieħu ħsieb xogħol ieħor fi ġranet stabbiliti kull ġimgħa bħalma huma l-areas għall-ikkampjar, Triq Selmun, Għajn Tuffieħa, flimkien ma' esiġenzi oħra li jinqalgħu minn jum għal'ieħor.

6.4. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono ndika li jeħtieġ isir skrutinju tar-rekwiżiti tal-kuntratt dwar iż-żamma tal-ġonna pubblici u *soft areas*.

**7.1. Sejħa għall-kwotazzjonijiet MLC 1/2020 – Dwal Dekorattivi għall-perjodu tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena fi Triq il-Kbira, Triq Ġorġ Borg Olivier, Triq/Misraħ il-Parroċċa, (Mellieħa) and Misraħ il-Parroċċa (Manikata)** **(T/4/15/Vol II)**

7.2. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf li saret sottomissjoni waħda mis-Sur Carl Caruana li tammonta għall-€6,790 (eskluża l-VAT).

7.3. Il-Kumitat ta' Evalwazzjoni magħmul mis-Sindku D. Vella, il-Viċi Sindku J. Buttigieg, u l-Kunsillier E. Bartolo, evalwa l-offerta msemmija, skont rapport tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni datat 12 ta' Novembru 2020, li fiħ ġie rrakkomandat illi l-kuntratt jingħata lis-Sur Carl Caruana.

7.4. Is-Sindku għarraf li l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu allokat €5,000 għat-tiżjin tat-toroq fil-Milied u l-Ewwel tas-Sena.

7.5. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg aċċenna wkoll li r-Reġjun Tramuntana ddeċieda li jagħmel għotja ta' €1,000 għall-istess għan, bil-kundizzjoni li l-istess Reġjun jingħata viżibilità għas-sehem tiegħu.

7.6. Il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat, kif ukoll talab li jsiru dwal addizzjonali għal dawk indikati fis-sejħa sabiex tiġi estiża parti fi Triq il-Kbira, bejn Triq l-Etna u Misraħ tas-Salib, kif ukoll f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II.

**8.1. Sejħa għall-offerti MLC 4/2020 – Żvilupp ta' *Green Infrastructure Solution*, tħawwil ta' siġar fil-Park tal-Familja, b'mezzi li ma jikkawżawx dannu lill-ambjent, zvilupp ta' ġnien tal-komunità fil Ġnien il-Qigħan, flimkien ma' sessjonijiet edukattivi dwar l-iskop tal-proġett MAGF/4/005 (P/10/34)**

8.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li għal din is-sejħa wieġeb offerent wieħed - SBG Holdings Ltd – b'somma totali ta' €183,295, li €10,000 minnhom mhux eliġibbli għall-fondi Ewropej peress li jinvolvu l-manutenzjoni tal-proġett. Is-somma allokata skont il-ftehim dwar l-għotja huwa €43,156. Iċ-ċifri kollha mogħtija ma jinkludux il-V.A.T.

8.3. Il-Kumitat ta' Evalwazzjoni, kif maħtur fis-Seduta Nru. 1 tal-4 ta' Lulju 2019, skont il-minuti tiegħu tas-27 ta' Ottubru 2020 irrakkomanda li l-evalwazzjoni tal-offerta għandha tiġi mwaqqfa minħabba diskrepanza kbira bejn l-istima u l-offerta li saret.

8.4. Il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni.

**9.1. Proġetti kapitali tal-Kunsill għas-Sena Finanzjarja 2021 (F/1/32)**

9.2. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li l-proġetti kapitali li għadhom ma ġewx attwati, jew konklużi mis-sena 2020, huma s-segwenti:

**7200 Titjib**
7220 Ċirkwiti ġodda għad-dwal f'sensiela ta' toroq approvati

**7300 Tagħmir**
7312 Sistemi ta' CCTV fi Triq Ġorġ Borg Olivier, fil-Park tal-Familja, u fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi

**7500 Programmi Speċjali**
7502 Triq il-Qortin (Ftehim TM)
7505 Restawr tal-Batterija ta' Westreme u titjib fil-Mużew tat-Tunnara
7517 Tisbiħ ta' Triq l-Inkurunazzjoni (Ftehim DPF)
7518 Tisbiħ tat-Taraġ fi Triq San Publiju (Parti t'Isfel)
7527 Ġnien Pubbliku fi Triq Mons Franġisk Xuereb/Triq in-Nahal/Triq, Etna
7532 *Lift* Panoramiku bejn Triq l-Inkurunazzjoni u Misraħ il-Parroċċa

9.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg, ippropona li proġett tal-Ġnien Pubbliku f'Mellieħa Heights (7527) għandu jkun iffinanzjat mill-fondi ordinarji tal-Kunsill minkejja li huwa stmat €430,000. Dan bil-għan li ma jintilifx żmien fil-ksib tal-finanzjament meħtieġ mid-Development Planning Fund.

9.4. Il-Kunsill qabel li l-proġetti msemmija għandhom jiġu nklużi fl-Estimi 2021 peress li ġew implementati in parti, jew diġa ġew iddedikati riżorsi fit-tħejjija għalihom.

9.5. Inġibdet l-attenzjoni li skont l-Artiklu 70(1) tal-Att Dwar Gvern Lokali, il-laqgħa annwali li għandha ssir sa mhux aktar tard mill-15 ta' Diċembru 2020 bil-għan li l-Kunsill jippreżenta l-estimi finanzjarji qabel il-laqgħa li fiha l-Kunsill ikun ser jikkunsidra l-estimi għas-sena finanzjarja 2021. Avviż ta' din il-laqgħat għandu jkun notifikat permezz ta' ittra mibgħuta f'kull residenza, negozju u għaqdiet fil-lokalità u fuq is-sit elettroniku u pubblikat fuq il-media soċjali tal-kunsill sa mhux aktar tard minn ħmistax-il ġurnata qabel id-data tal-laqgħa.

9.6. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa għandha ssir fis-Sala tal-Kunsill skont il-protokol stabbilit mill-awtoritajiet tas-Saħħa b'rabta mal-pandemija Covid-19, kif ukoll li tkun tranżmessa b'mezzi elettroniċi, nhar it-Tlieta 15 ta' Diċembru 2020 fis-6.00pm.

**10.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti**

10.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 6 ta' Novembru 2020.

10.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal, skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

10.4. Tressqet skeda ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash* bejn l-5 ta' Ottubru u t-3 ta' Novembru 2020;

10.5. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri bejn is-10 ta' Ottubru u s-6 ta' Novembru 2020.

10.6. Il-Kunsill approva l-akkwist u l-pagamenti kollha fit-tliet skedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes-List.aspx

**AĠĠORNAMENT**

Bi ftehim bejn il-membri eletti preżenti, is-seduta spiċċat fid-9.18 pm u l-Kunsill aġġorna għal nhar it-Tlieta 22 ta' Diċembru 2020 fis-6.00 pm.

Dario Vella
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**